MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1225/2000/1

**Mario Lapira**

**Vs**

**Mario Ciappara u Rita Ciappara**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-attur is-somma ta' hames mija u sebgha u sittin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm567.62) liema danni gew kagunati meta mill-fond "Ritmar" fuq Amleto Spiteri, Qormi sovrastanti ghal fond tal-attur li jinsab okkupat mill-konvenuta dahal partita ilma mill-gully li jinsab taht is-saqaf li jigbor l-ilma mill-kamra tal-banju u irrovina il-merkanzija tal-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata erbatax (14) ta' April 2000 u l-imghax. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 8 ibid) u li biha eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhiex veritjera l-allegazzjoni attrici li gie rvienat xi merkanzija tal-attur;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 11 u 12 tal-atti) jiddetjeni, b'titolu ta' kera, "garage" li jintuza minnu bhala mahzen ta' oggetti elettrici, importati minnu. L-istess garage hu sottostante ghal maisonette li, fih, jirrisjediu l-konvenuti. Fl-istess garage, kienu sitwati zewg "gullys" b'wiehed minnhom appartenenti lir-residenza tal-konvenuti u sitwat taht is-saqaf tal-istess garage (ara r-ritratti annessi mal-atti a fol 15 u 16). Mill-istess "gully" kien jqattar l-ilma u "Ghallinqas f'okkazjoni wahda kont ghedt lill-konvenuti b'din il-problema (u) kont naghtihom ic-cavetta (gh)all-mahzen biex ikun(u) jistghu isewwu l-hsara". Specifikatament ghall-kaz in esami, hu kien importa konsenja ta' oggetti tal-elettriku matul l-ahhar ta' Marzu 2000, liema oggetti tpoggew vicin l-entratura tal-istess "garage" ossija mahzen. Fl-istess perjodu, hu kien avza lill-konvenuti li kien qed jqattar "hafna ilma" mill-istess "gully" u ghalhekk "bhas-soltu" avza lill-konvenuti oltre li tahom kopja tac-cavetta sabiex jkunu jistghu jidhlu fil-"garage" tieghu u jsewwu l-hsarat. Fl-ahhar gimgha ta' Marzu 2000, beda jqassam l-oggetti in kwistjoni sabiex jigu distribwiti skond l-ordinijiet li kienu saru. F' din il-

gurnata ma kienx innota ilma mal-art. Pero, meta kien mar sabiex jghabbi l-istess ordnijiet, hu sab "li kien hemm xi pulzier ilma mal-art u li x'uhud mill-ordnijiet kif ukoll xi "stock" kien xorob l-ilma". In rigward dan hu esebixxa rendikont ta' oggetti elettrici li "kienux xarrbu u thassru" (ara fol 13 tal-istess atti) u "ghalhekk ma setghux jintuzaw ghax setghu ikunu ta' periklu lil min juzahom". In konnessjoni ma dan, hu inkariga l-Perit tieghu sabiex jaghmel rapport, liema rapport jinsab ukoll, anness a fol 14 tal-atti.

Illi l-istess Perit Philip Azzopardi (fol 28 u 14 ibid) li hu xhud ammissibbli skond l-artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkostata li, ezattament taht is-saqaf tal-istess garage, hemm l-imsemmi "gully trap" li fih jingabar ilma mahmug gej mill-kamra tal-banju tal-post sovrastanti involut. Mill-istess "gully trap" hu innota li kien hemm ilma mahmug li kien qed jnixxi kif ukoll li l-istess "gully trap" kienet giet irrangata bis-siment. Tali tnixxija kienet qed tigi kawzata minn sadd jew qasma fl-imsemmija "gully trap" jew fil-katusa. Bhala konsegwenza ta' dan hu kien ra ghadira kbira kif ukoll kaxxi mxarrbin u "fittings" elettrici mhassrin.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 31 u 32 ibid) kien ftakar li kien gab "wiehed" (ara ukoll ix-xhieda ta' Anthony Abela a fol 33 ibid) sabiex jkahhal l-istess "gully" u skond hu, "irrangajtu" billi "kahhalnieh". Wara li dan "tranga" inqalghet il-kwistjoni "dwar il-merkanzija" ossija "switches ….. li xxarbulu". Hu kkonferma li l-attur kien tah cavetta tal-istess "garage" sabiex dan jkun accessibbli ghalih u b'hekk, jkun jista' jirranga l-'gully" permezz ta' tikhil. Hu rilevanti li jigi notat illi hu stess xehed "Sussegwentement (wara t-tikhil msemmi) jiena rajt l-ilma fl-art … Jiena nahseb li dan hareg mill-"gully" tieghi" avolja, tista' tghid immedjatament, hu kompla jghid "… ma nafx minn fejn hareg l-ilma …." u "fuq dan, pero', ma inhiex cert". Ghandu jissemma ukoll illi l-konvenut qal li l-attur kien qallu sabiex hu jkompli juza l-kamra tal-banju tieghu avolja kien qed jnixxi ilma, kif spjegat.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi kif esposti u minn dak li jirrizulta minnhom bhala fatt, jidher li hemm ness bejn l-ilma li kien qed inixxi fil-garage u l-hsarat risultanti u konsegwenzjali fl-oggetti elettrici mahzuna fil-“garage” tal-attur.  In rigward dan, il-konvenuti ghamlu xi tentattiv sabiex dan, ma jsehhx izda dan ma kienx sufficjenti sabiex jigu evitati l-istess hsarat, li kienu facilment prevedibbli.

Illi, ghalhekk, il-konvenuti, ghandhom jigu ritenuti, fuq basi delittwali  kolposament responsabbli ghal dak li gara stante li dan kien facilment evitabbli u prevedibbli u dan skond l-artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont ta’ danni jinsab dettaljatament, elenkat a fol 13 tal-istess atti u ma jistax jigi ritenut li b’xi mod hu esagerat a basi ta‘ xi prova prodotta.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta’ Lm567.62,0 bl-imghax legali mill-14 ta’ April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ April 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur